MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Mandat Numru. 1737/2008/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni
Numru 1737/08 fl-ismijiet:

Carmel **GAUĊI** u martu Victoria Gauċi

vs

Saviour **CALLEJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-4 ta’ Novembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li l-Qorti żżomm lill-intimat milli jibni jew ikompli jibni aperturi fil-ħajt li jifred il-post tiegħu f’numru għoxrin (20) Sqaq Ċiantar,

San Ġiljan, mill-mogħdija privata li hija tagħhom biss, u dan bi ksur tal-artikolu 425 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-intimat b'erbat ijiem għat-Tweġiba;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fl-10 ta' Novembru, 2008, li biha laqa' għat-talba tar-rikorrenti billi ċaħad li l-isqaq huwa ġid privat tar-rikorrenti, u qal li l-ħajt li qiegħed jittella' lanqas biss ma huwa wieħed diviżorju. Dan minbarra li fih diġa' għadd ta' aperturi jagħtu fuq l-imsemmija mogħdija u l-istess intimat għandu jedd jgħaddi minnu biex jieħu ilma minn ġiebja li tinsab fit-tarf tagħha. Iżid jgħid li bejn il-post tiegħu – bin-numru għoxrin (20) – u dak tar-rikorrenti – bin-numru tmintax (18) – hemm bini ta' terzi bin-numru dsatax (19). L-intimat jirreferi għal kawża li r-rikorrent fetaħ kontrih dwar min huwa s-sid tal-imsemmija mogħdija, liema kawża għadha qiegħda tinstema'[1]. Fl-aħħarnett, jiċħad li r-rikorrenti għandhom jedd iżommuh milli jiftaħ it-twieqi fil-bini l-ġdid tiegħu li, dwaru, kiseb il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Novembru, 2008, li bih appuntat ir-rikors għas-smigħ tal-lum;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet il-każ għall-provvediment;

[1] Rik. Nru. 579/05AL

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrenti jridu li jżommu lill-intimat milli jiftaħ aperturi li jagħtu għal fuq mogħdija waqt li qiegħed itella' bini ġdid fuq bini li jagħmel parti mid-dar tiegħu u biex ikompli jgħolli l-istess dar;

Tqis li l-kwestjoni kollha bejn il-partijiet, u li ilha għaddejja għal xi snin[2] u li dwarha hemm ukoll kawża li għadha qiegħda tinstema', tirrigwarda min hu s-sid tal-mogħdija li tgħaddi minn maġenb id-dar tal-intimat. Ir-rikorrenti jgħidu li dik il-mogħdija hija proprjeta' tagħhom biss;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[3];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[4]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed

---

[2] Ara Dokti "A1" u "A2", f'paġġ. 31 sa 77 tal-atti
[3] Art. 873(1) tal-Kap 12
[4] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[5];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[6]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-ilment waħdieni tar-rikorrenti huwa dak li l-intimat ma jiftaħx twieqi jew aperturi oħrajn ġodda li jagħtu għal fuq il-mogħdija. Ir-rikorrenti ma jinteressahomx jekk l-intimat iridx jgħlli iżjed il-bini tiegħu;

Tqis li mill-provi mressqa, fil-ħajt il-ġdid li ttella' u li jagħti għal fuq dik il-mogħdija, saret tieqa waħda[7]. Mill-istess provi[8] joħroġ li dik it-tieqa kienet ġiet iffurmata sa minn ħin qabel ma l-intimat kien ġie notifikat bir-rikors, u hu jżid jgħid li, x'hin, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu ra lir-rikorrent u lill-perit tiegħu, hu u xi żewġ ħaddiema oħra kienu diġa' għaddejjin bix-xogħol. Din ix-xhieda hija korroborata miċ-ċertifikat maħruġ mill-perit imqabbad mir-

[5] Art. 875(3) tal-Kap 12
[6] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[7] Ara DOk "CS1", f'paġ. 79 tal-atti
[8] Xhieda tal-intimat waqt is-smigħ tal-lum

rikorrenti li minnu jingħad li "*a window opening overlooking my client's land (the alley) was formed*"[9]. L-intimat laqa' r-rikors għall-ħruġ tal-Mandat aktar tard dak inhar li sar l-imsemmi ċertifikat;

Tqis li huwa minnu li jekk kemm-il darba jintwera li l-ħaġa li r-rikorrent irid li jżomm li ma ssirx bil-ħruġ tal-Mandat tkun diġa' saret, ma jibqax lok biex it-talba tal-ħruġ tal-istess Mandat tintlaqa', ladarba l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[10];

Tqis min-naħa l-oħra li, mad-daqqa t'għajn, l-intimat għandu l-jedd li jinqeda bil-ħajt li jifred ħwejjġu mill-ġid tar-rikorrenti, u li r-rikorrenti ma jistgħux iċċaħħdulu dan il-jedd, ladarba l-użu qiegħed isir fil-qies tiegħu[11]. F'dan il-każ, il-Qorti tasal biex taqbel li, sa ma r-rikors twassal f'idejn l-intimat, it-tieqa kienet tassew diġa' ġiet formata u x-xogħol fuqha kien diġa' ntemm, għalkemm xi jiem wara tkomplew ix-xogħlijiet tat-tisqif tal-kamra (li, madankollu, m'humiex xogħlijiet milqutin bit-talba għall-ħruġ tal-Mandat);

Tqis ukoll li l-ħarsien tal-jeddijiet tar-rikorrenti ma jiddependux minn jekk it-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat tintlaqax jew le, għaliex, ukoll fil-qagħda attwali, ma hemm xejn x'iżommhom milli jieħdu r-rimedji ordinarji mogħtijin lilhom mil-liġi biex jitolbu l-għeluq tat-tieqa furmata jekk jirriżulta li din infetħet kontra l-liġi;

Għaldaqstant, l-Qorti ssib li jonqsu l-kundizzjonijiet biex it-talba għall-ħruġ tal-Mandat tista' tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:

---

[9] Dok "X" u r-ritratti f'paġġ. 3 u 6 sa 11 tal-atti

[10] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***

[11] P.A. **31.10.1964** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Blackman vs Crossey*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1254**)

**Tiċħad it-talba** għall-ħruġ tal-Mandat; u

**Tordna li** l-ispejjeż ta’ dan ir-Rikors jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 28 ta’ Novembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------